**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 3 ta' Frar, 2025**

**Rikors Guramentat Nru: 963/2019 AF**

**Catherine Ciappara**

**Emanuel Ciappara**

**Angelo Ciappara**

**vs**

**Ing. Frederick Azzopardi bhala Chairman ta' Infrastructure Malta**

**Ministru ghat-Trasport, Infrastruttura u Progetti Kapitali**

**U fil-verbal tas-seduta tat-8 ta' Jannar 2020, il-Qorti laqgħet it-talba u ordnat li jissejjaħ fil-kawża d-**

**Direttur Ġenerali Dipartiment tax-Xogħlijiet u Infrastruttura**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti Catherine Ciappara, Emanuel Ciappara u Angelo Ciappara, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-atturi huma lkoll koproprjetarji u utenti tal-fond Villino Ciappara, Triq it-Tempesta, Qrendi. Dan il-fond jikkonsisti f'dar ta' abitazzjoni kif ukoll garaxx kbir, fejn l-istess atturi jahznu vetturi, ingenji u affarijiet ohra taghhom, u ilhom jaghmlu hekk sa mill-1989.

Kif jirrizulta mir-ritratti hawn annessi bhala Dok. A u B, kif ukoll mill-Google Earth aerial photo markat Dok. C, il-fond tal-atturi jaghti ghal fuq service road dejqa li kienet separata mill-parti principali ta' Triq it-Tempesta, Qrendi, b'centre strip, bil-palm mizrugh fiha, liema centre strip ma kienitx testendi ghal quddiem il-garaxx tal-atturi, b'dan illi huma setghu liberament jaccedu u juzaw il-garaxx taghhom u setghu ddahhlu fih vetturi, trakkijiet u jekk u meta mehtieg anke dghajjes.

Recentement il-konvenuti jew min minnhom, ghamlu xogholijiet li jikkonsistu f'tarmacing ta' Triq it-Tempesta, flimkien ma' estensjoni tas-centre strip quddiem il-fond tal-atturi, b'tali mod li s-centre strip giet estiza ghal quddiem il-faccata kollha tal-fond tal-atturi, inkluz il-garaxx, b'tali mod u manjiera li l-access ghall-fond u l-garaxx tal-attur gie serjament impossibbli sabiex certi vetturi jew dghajjes jiddahhlu gewwa, jew jinhargu minn, l-istess garaxx. Il-posizzjoni attwali tirrizulta mir-ritratti hawn annessi bhala Dok. D, E u F.

L-estensjoni tas-centre strip ghal quddiem il-garaxx tal-atturi jikkostitwixxi abbuz tas-setgha tal-awtorità pubblika billi dawn saru ghal ghanijiet mhux xierqa jew imsejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti.

Barra minn hekk l-estensjoni tas-centre strip ghal quddiem il-garaxx tal-atturi hija azzjoni mhux ragonevoli u llegali, u l-konvenuti jew min minnhom injoraw il-lamentazzjonijiet tal-atturi, liema lamentazzjonijiet sahansitra gew imqajma permezz ta' ittra ufficcjali, hawn annessa bhala Dok. G.

L-atturi saru jafu b'dawn ix-xogholijiet meta bdew jitwettqu f'Gunju 2019, u ma nghataw ebda opportunità li jaghmlu r-rapprezentazzjonijiet taghhom qabel ma bdew ix-xogholijiet mill-konvenuti, u b'hekk gew lezi wkoll il-principji ta' gustizzja naturali ghax l-atturi ma nghatawx opportunità sabiex joggezzjonaw meta nhareg il-permess ghax-xogholijiet, dejjem jekk fil-fatt inhareg permess ghal tali estensjoni.

Barra minn hekk ukoll in vista li l-atturi ma jistghux igawdu l-proprjetà taghhom pjenament, kif ilhom ghal dawn l-ahhar tletin sena, gew lezi d-drittijiet patrimonjali tal-atturi, kif ukoll id-dritt fondamentali tal-istess atturi, li huma protetti mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Il-konvenuti gew debitament interpellati inehhu l-istess estensjoni imma baqghu inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-estensjoni tas-centre strip ghal quddiem il-garaxx tal-atturi, kiser id-drittijiet fondamentali tal-atturi, koncernanti l-proprjetà taghhom, kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta.

2. Tiddikjara li l-estensjoni tas-centre strip ghal quddiem il-garaxx tal-atturi kien ultra vires, stante li ma gewx protetti l-principji ta' gustizzja naturali, sar ghal ghanijiet mhux xierqa jew kien imsejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti.

3. Tiddikjara li l-estensjoni tas-centre strip ghal quddiem il-garaxx tal-atturi ma kienx ragonevoli u kien illegali.

4. Tordna t-tneħħija tal-estensjoni tas-centre strip minn quddiem il-garaxx tal-atturi sabiex kollox herga jitregga' ghal ma kien qabel saru dawn ix-xogholijiet.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tas-27 ta' Gunju 2019 kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Aġenzija għal Infrastruttura Malta, li permezz tagħha ġie eċċepit illi:

Fl-ewwel lok l-allegazzjonijiet illi qeghdin jaghmlu r-rikorrenti fir-rikors guramentat taghhom fir-rigward tal-Agenzija ghal Infrastruttura Malta huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt ghal diversi ragunijiet u dan kif ser jigi pruvat f'din il-kawza, u whud minn dawn ir-ragunijiet jinsabu spjegati fil-qosor f'din ir-risposta guramentata.

Ir-rikorrenti fir-rikors taghhom allegaw illi l-estensjoni tas-centre strip ghal quddiem il-garaxx in kwistjoni tikkostitwixxi abbuz tas-setgha tal-esponent. Dan mhuwiex minnu stante illi Infrastruttura Malta mxiet mal-Iskemi ta' Provvedimenti Temporanji kif imhejjija u approvati skond l-Att dwar Permessi tal-Bini (Provvedimenti Temporanji). In oltre, d-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. A, liema dokument gie mehud mill-geoportal li jinsab fuq is-sit ufficcjali tal-Awtorità tal-Ippjanar, juri bic-car illi l-linja tas-centre strip mertu ta' din il-kawza hija shiha tant li tibqa' ghaddejja ghal quddiem il-faccata kollha tal-fond tar-rikorrenti, inkluz l-imsemmi garaxx. Ghaldaqstant l-allegazzjoni tar-rikorrenti fil-konfront ta' Infrastruttura Malta, u cioè illi l-istess Agenzija abbuzat mis-setghat taghha, ma tregix.

Di più u minghajr pregudizzju ghas-suespost, sabiex il-garaxx tar-rikorrenti ikun jista' jintuza ghall-vetturi kbar jew dghajjes, l-imsemmi garaxx irid ikun kopert b'permess adegwat minghand l-Awtorità tal-Ippjanar. F'dan ir-rigward, tajjeb li nnutaw ukoll illi t-talba ghall-fetha quddiem garaxx bit-tali permess tista' tigi

kkunsidrata dment illi ssir PC application mal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex tinbidel l-Iskema ta' Provvedimenti Temporanji.

In oltre, ix-xogholijiet imwettqa mill-esponent ma kienux jirrikjedu permess tal-Awtorità tal-Ippjanar. Ghaldaqstant, il-pretensjonijiet tal-atturi dwar in-nuqqas ta' opportunità sabiex jaghmlu r-rapprezentazzjonijiet da parti taghhom qabel ma bdew ix-xogholijiet ghandhom jigu michuda stante illi huma bbazati fuq premessi ghal kollox zbaljati tant li ma sar l-ebda ksur tal-principji ta' gustizzja naturali.

Barra minn hekk u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-centre strip giet estiza fl-interess pubbliku, partikolarment sabiex tigi salvagwardjata s-sigurtà tar-road users, liema sigurtà tesigi l-bzonn illi jigu eliminati fethiet li jaghtu direttament ghal fuq it-triq principali, u liema fethiet imorru lil hinn mill-Iskemi ta' Provvedimenti Temporanji. In oltre, din il-mizura ttiehdet ukoll fi bnadi ohra tal-pajjiz bil-ghan illi jitnaqqas ir-riskju ta' accidenti kif ukoll ir-riskju ta' manuvri perikoluzi ghal go toroq principali. Fil-fatt ninnutaw illi kien hemm gheluq ta' access f'toroq ohra, ezempju minn Triq il-Burdnara u minn Triq il-Furnar, Qormi kif ukoll minn Triq it-Tigrija, Marsa, liema toroq residenzjali kienu jaghtu dirett ghal fuq il-Marsa-Hamrun Bypass.

In vista ta' dak suespost u tal-fatti kollha tal-kaz kif esposti, l-esponent tiddikjara li hija ma taqbilx mal-konkluzjoni tar-rikorrenti u cioè illi hemm ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni minhabba li dan l-artikolu japplika biss f'kaz ta' tehid forzuz tal-proprjetà, u f'dan il-kaz ma hemm l-ebda tehid forzuz.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri li talvolta jistghu jkunu permissibbli skond il-ligi.

Ghalhekk l-esponent qed titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata l-1 ta' Lulju 2019, kontra l-istess rikorrenti.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, li permezz tagħha ġie eċċepit illi:

Preliminarjament l-esponent mhuwiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Gvern ghadu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni, u dan ai termini tal-Art. 181B(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni tar-rikorrenti illi gew esegwiti xogholijiet li jikkonsistu fit-tpoggija ta' tarmak fi Triq it-Tempesta, l-Qrendi, flimkien ma' estensjoni tas-centre strip quddiem il-fond tal-atturi, l-esponent jissottometti illi huwa ma kien involut fl-ebda xoghol relatat kif fuq deskritt.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrespingi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ix-xogholijiet li jikkoncernaw din ic-centre strip saru skond il-provvedimenti temporanji ai termini tal-Att dwar il-Permessi tal-Bini.

Il-pretensjonijiet tal-atturi dwar in-nuqqas ta' rapprezentazzjonijiet da parti taghhom qabel ma nbdew ix-xogholijiet ghandhom jigu michuda stante illi huma bbazati fuq premessi ghal kollox zbaljati u ghalhekk ma sar l-ebda ksur tal-principju ta' gustizzja naturali.

Minbarra dan, l-esponent jeccepixxi n-nuqqas ta' applikabilità tal-Art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta in kwantu ma kien hemm l-ebda tehid forzuz ta' proprjetà u ghalhekk ir-rikorrenti ma

ghandhomx ragun jilmentaw minn ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost l-esponent qed jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' Jannar 2020 il-Qorti ordnat il-kjamat in kawża tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment għax-Xogħolijiet u Infrastruttura.

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment għax-Xogħolijiet u Infrastruttura, li permezz tagħha eċċepixxa illi:

In linea preliminari, l-esponent mhuwiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, huwa ma esegwixxa u ma kien involut fl-ebda xogholijiet, bhal tpoggija ta' tarmak fi Triq it-Tempesta, gewwa l-Qrendi, u lanqas ma kien involut b'xi mod fl-estensjoni tas-centre strip quddiem il-fond tar-rikorrenti.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrespingi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, skond informazzjoni li nghatat lill-esponent, l-estensjoni tas-centre strip saret ai termini tal-Att dwar il-Permessi tal-Bini (Provvedimenti Temporanji).

Il-pretensjonijiet tal-atturi dwar in-nuqqas ta' rapprezentazzjonijiet da parti taghhom qabel ma nbdew ix-xogholijiet ghandhom jigu michuda stante illi huma bbazati fuq

premessi ghal kollox zbaljati u ghalhekk ma sar l-ebda ksur tal-principju ta' gustizzja naturali.

Minbarra dan, l-esponent jeccepixxi n-nuqqas ta' applikabilità tal-Art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta in kwantu ma kien hemm l-ebda tehid forzuz ta' proprjetà u ghalhekk ir-rikorrenti ma ghandhomx ragun jilmentaw minn ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost l-esponent qed jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghhom.

Semgħet ix-xhieda.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 permezz ta' liema r-rikorrenti qegħdin jattakkaw id-deċiżjoni tal-Aġenzija għal Infrastruttura Malta illi tagħlaq l-aċċess mis-*service road* għal Triq it-Tempesta, Qrendi senjatament fil-parti li tinsab quddiem id-dar tagħhom. Fil-fehma tagħhom din id-deċiżjoni ttieħdet b'mod *ultra vires* il-poteri tal-istess Aġenzija u bi ksur tal-Artikolu 469A (1)(b)(ii) tal-Kap. 12. Ir-rikorrenti lmentaw ukoll minn ksur tad-drittijiet tagħhom kif imħarsa ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni għar-raġuni li d-drittijiet li ilhom igawdu fuq il-proprjetà tagħhom sa mis-sena 1989 issa ġew imxekkla bl-estensjoni tas-*centre strip* li qed tostakola lir-rikorrenti milli jkomplu jdaħħlu fil-garaxx vetturi kbar u dgħajjes għaliex ma fadalx biżżejjed spazju biex issir il-manuvra. Talbu għalhekk illi tingħata mill-Qorti dikjarazzjoni fis-sens illi d-deċiżjoni meħuda mill-Aġenzija intimata hija *ultra vires* u msejjsa fuq kunsiderazzjonijiet illegali

u mingħajr raġuni. Konsegwentement talbu li tingħata ordni biex titneħħa l-parti tas-*centre strip* li ġiet estiża.

Fir-risposta tagħha l-Aġenzija ntimata eċċepiet illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati għaliex id-deċiżjoni tagħha dwar l-estensjoni tas-*centre strip* hija bbażata fuq l-Iskemi ta' Provvedimenti Temporanji. Eċċepiet ukoll illi sabiex garaxx jintuża bil-mod kif jixtiequ r-rikorrenti dan irid ikun kopert b'permess mill-Awtorità tal-Ippjanar. Kompliet teċċepixxi li dan il-proġett sar fl-interess puubbliku sabiex tiġi mħarsa s-siġurtà tar-*road users* u jitnaqqas ir-riskju ta' manuvri perikolużi f'toroq prinċipali.

Fir-risposta ġuramentata tiegħu il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali eċċepixxa illi mhuwiex leġittimu kuntradittur għat-talbiet tar-rikorrenti u li għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Eċċepixxa wkoll illi ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 huwa l-Kap tad-Dipartiment relattiv illi huwa vestit bir-rappreżentanza tal-Gvern. Fil-mertu ġie eċċepit illi l-Ministru ma kienx involut fix-xogħolijiet illi saru u li f'kull każ ix-xogħol sar skont il-liġi u b'ebda ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali.

Fir-risposta ġuramentata tiegħu id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment għax-Xogħolijiet u Infrastruttura eċċepixxa illi mhuwiex leġittimu kuntradittur għat-talbiet tar-rikorrenti u li għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Fil-mertu eċċepixxa illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati għaliex il-proġett fi Triq it-Tempesta sar ai termini tal-Att dwar il-Permessi tal-Bini (Provvedimenti Temporanji). Eċċepixxa wkoll illi n-nuqqas ta' rappreżentazzjonijiet da parti tar-rikorrenti qabel inbdew ix-xogħolijiet ma jammontax għal vjolazzjoni tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali. Eċċepixxa wkoll l-inapplikabilità tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni għall-każ tal-lum stante illi f'dan il-każ ma jirriżulta ebda teħid forzuż tal-proprjetà tar-rikorrenti.

Mill-provi in atti jirriżulta li r-rikorrenti huma l-proprjetarji tal-fond Villino Ciappara fi Triq it-Tempesta, Qrendi. Dan il-fond jikkonsisti f'dar t'abitazzjoni u garaxx li nbnew fis-sena 1989. Ir-rikorrenti jużaw il-garaxx sabiex fih jaħżnu vetturi ossia vannijiet

kbar li jużaw fin-negozju tagħhom ta' trobbija tat-tjur. Dan il-garaxx ilu hekk jintuża s-snin u saħansitra fi żminijiet riċenti r-rikorrenti xtraw dgħajsa li kienu jdaħħlu fl-istess garaxx.

Il-fond tar-rikorrenti jagħti għal fuq *side road* jew *service road* dejqa li hija separata mit-triq prinċipali b'*centre strip* li fiha hemm miżrugħa siġar kbar tal-palm. Din is-*centre strip* ilha hemm is-snin biss qatt ma kienet testendi sa quddiem il-garaxx proprjetà tar-rikorrenti b'tant illi ma kellhom ebda diffikultà jimmanuvraw il-vetturi biex idaħħluhom fil-garaxx.

Fis-sena 2019 l-Aġenzija intimata ntraprendiet diversi xogħolijiet fi Triq it-Tempesta fosthom l-għoti ta' *tarmac* ġdid u l-estensjoni ta' diversi partijiet fis-*centre strip* li tissepara s-*side road* minn Triq it-Tempesta.

David Schembri li kien is-sindku tal-Qrendi fiż-żmien rilevanti xehed illi t-triq prinċipali u cioè Triq it-Tempesta hija mifruda mis-*side road* permezz ta' *centre strip* li fiha kien hemm ħafna fetħiet. Xehed illi uħud minn dawn il-fetħiet kienu saru b'mod illegali meta nfetħu mis-sidien tal-proprjetjiet fl-istess triq. Kien hu illi ġibed l-attenzjoni tal-Aġenzija intimata għal dan u l-Aġenzija ħadet pożizzjoni fis-sens illi tħalli miftuħa biss dawk il-fetħiet li kienu legali. Stqarr li kien hemm diversi lmenti miċ-ċittadini dwar dan.

Il-Perit Ian Cutajar, inkarigat *ex parte* mir-rikorrenti xehed illi fil-kors tax-xogħolijiet fit-triq in kwistjoni, ingħalqet il-fetħa li kienet tipprovdi aċċess bejn is-*service road* u t-triq prinċipali. Spjega illi konsegwenza ta' dan waqt illi vettura ta' daqs komuni timmanuvra, huwa impossibbli għal vetturi akbar, inġenji jew per eżempju dgħajsa illi jiddaħħlu fil-garaxx tar-rikorrenti. Xehed illi kien hemm każijiet oħra simili fl-istess triq fejn minflok *centre strip* fissa tpoġġew *bollards* temporanji.

Ir-rikorrenti Catherine Ciappara xehdet illi meta nbniet il-proprjetà tagħhom fis-sena 1989 il-parti tas-*centre strip* li tiġi quddiem il-garaxx proprjetà tagħhom ma saritx. Jirriżulta ppruvat illi hija l-proprjetarja ta' żewġ trakkijiet kbar illi tuża għax-xogħol tagħha. Xehdet illi bis-*centre strip* kif estiża huwa

mpossibli għaliha li timmavura sabiex iddaħħal dawn it-trakkijiet fil-garaxx u għalhekk tinsab kostretta tħallihom barra, pparkjati fit-triq. Tgħid ukoll illi r-rikorrenti binha xtara dgħajsa li però kien kostrett ibiegħ għaliex ma setax ikompli jdaħħalha fil-garaxx.

Fil-kors tax-xhieda tagħha Catherine Ciappara għamlet referenza għal xi ġirien tagħha li quddiemhom tpoġġew *bollards* temporanji minflok *centre strip* fissa. Tallega li dan sar għaliex dawn il-ġirien irċevew trattament preferenzjali minkejja li bħalha għandhom permess ta' garaxx għall-użu privat. Dwar dan għamlet ukoll referenza għal sitwazzjoni simili li tirriżulta fi Triq il-Konvoj Santa Marija ossia l-*bypass* tal-Imqabba.

Karl Scerri in rappreżentanza tal-Awtorità tal-Ippjanar xehed illi l-permess li jgawdu r-rikorrenti huwa għall-bini ta' garaxx għal karozzi privati.

Xehed ukoll il-Perit David Vassallo, Kap tal-*Unit Maintenance* fi hdan Infrastruttura Malta. Huwa spjega illi d-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata wara l-proġett fi Triq it-Tempesta, il-Qrendi kif ukoll dak fi Triq il-Konvoj Santa Marija, fl-Imqabba, kienu motivati minn kwistjoni ta' saħħa u sigurtà sia dik tas-sewwieqa kif ukoll dik tal-persuni li jkunu qegħdin jimxu fl-istess toroq. Xehed illi kien hemm każijiet ta' inċidenti, inkluż inċidenti fatali fi Triq it-Tempesta u allura l-Aġenzija intimata riedet tieħu passi. Spjega illi Triq it-Tempesta ġiet ippjanata mill-Awtorità tal-ippjanar b'*service road* fuq kull naħa, liema *service roads* fihom diversi fetħiet li jipprovdu aċċess mis-*service road* għat-triq prinċipali. Xehed illi l-Aġenzija intimata ppruvat tfassal disinn ta' triq sigura fil-parametri tal-pjan lokali u tal-permessi maħruġa sabiex b'hekk kulħadd joħroġ fil-*main road* minn *exit points* meqjusa bħala siguri u mhux kulħadd ikompli joħroġ minn fejn jidhrilu a skapitu tas-sigurtà stradali u personali. Żied jgħid illi rriżulta li mhux is-*service road* kollha kienet regolata peress illi m'għandux ikun illi jkun hemm ħruġ minn garaxx direttament għal fuq *bypass* bħal ma hija Triq it-Tempesta.

Il-Perit Vassallo spjega illi f'dan il-każ kien hemm diversi ċittadini privati li għandhom il-proprjetà tagħhom fit-triq ikkonċernata illi

resqu l-quddiem u lmentaw mal-Aġenzija ntimata dwar il-proġett tal-estensjoni tas-*centre strip*. Issokta jgħid illi kien hemm tlett istanzi fejn l-Aġenzija rat illi ċ-ċittadini kellhom raġun u flok *centre strip* fissa quddiem dawn il-proprjetajiet saru *bollards* temporanji. Ma dawn il-persuni ġie ffirmat kuntratt fejn ir-responsabbilità tal-*bollards* tqiegħdet kompletament f'idejn iċ-ċittadin ikkonċernat li ngħata wkoll iċ-ċwievet tal-*bollards* sabiex ineħħihom meta jrid juża l-garaxx. Xehed illi f'dawn il-każijiet il-persuni kkonċernati kellhom peremess ta' garaxx għall-użu ta' vetturi kummerċjali. Spjega illi sabiex sar dan l-Aġenzija ntraprendiet eżerċizzju tekniku mill-periti tagħha li kkalkulaw il-qies tal-parti fejn riedu jsiru l-*bollards* b'mod li l-garaxx jibqa' aċċessibbli għall-vetturi kummerċjali. Xehed illi finalment huwa s-CEO tal-Aġenzija intimata li ddeċieda abbażi ta' dak li tressaq quddiemu inkluż ukoll il-permessi relattivi li kellhom ir-residenti f'dik it-triq. Huwa kkonferma illi l-Aġenzija ntimata straħet fuq il-permessi sottomessi għall-iskrutinju tagħha u ma ġiex verifikat l-użu attwali tal-garaxxijiet.

**L-Eċċezzjonijiet preliminari**

Il-Ministru intimat eċċepixxa illi mhuwiex leġittimu kuntradittur għat-talbiet tar-rikorrenti. Fl-affidavit tiegħu il-Ministru msemmi xehed illi x-xogħol mertu ta' din il-kawża sar kollu mill-Aġenzija għall-Infrastruttura Malta u li hu ma kienx involut f'dawn ix-xogħolijiet.

Fuq l-istess binarju huma l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tad-Direttur Ġenerali Dipartiment għax-Xogħolijiet u Infrastruttura li fl-affidavit tal-Perit Stephen Bonello *qua* d-Direttur imħarrek, xehed illi x-xogħol in kwistjoni ma sarx mid-dipartiment minnu rappreżentat.

Tressqu biżżejjed provi in atti li jattestaw u jikkonfermaw illi x-xogħolijiet lamentati mir-rikorrenti saru mill-aġenzija intimata mingħajr l-involviment la tal-Ministru mħarrek u lanqas tad-Direttur intimat.

Il-Ministru ntimat eċċepixxa wkoll illi ai termini tal-Artikolu 181B(3) tal-Kap. 12 ma kellux ikun hu illi jiġi mħarrek in rappreżentanza tal-Gvern.

Ai termini tal-Artikolu 181B (3) tal-Kap. 12:

> *(3) Kull rikors, ġuramentat jew le, jew att ġudizzjarju ieħormagħmul kontra l-Gvern għandu jiġi notifikat lil kull kap ta' dipartiment tal-gvern li kontra tiegħu jkun dirett u lill-Avukat tal-Istat u kull terminu biex issir risposta dwar att bħal dak minn kullkap ta' dipartiment tal-gvern li jkun konvenut jew intimat fi proċeduri ġudizzjarji ma jibdiex jiddekorri qabel ma l-att jiġi notifikat lill-kap jew kapijiet ta' dipartimenti tal-gvern li kontratagħhom ikun dirett u lill-Avukat tal-Istat. In-notifika lill-Avukat tal-Istat ssir bla ħlas lir-reġistratur.*

Skont ma jipprovdi l-artikolu appena ċitat, ir-rappreżentanza tal-Gvern hija vestita fil-kap tad-dipartiment ikkonċernat u fin-nuqqas ta' dan, huwa l-Avukat tal-Istat illi għandu jiġi mħarrek in rappreżentaza tal-Gvern u mhux il-Ministru[1]. Is-sitwazzjoni kienet tkun differenti li kieku mill-provi rriżulta li x-xogħolijiet twettqu fuq ordni, struzzjoni jew deċiżjoni direttament tal-Ministru kkonċernat[2], fatt dan illi fil-każ tal-lum m jirriżultax illi huwa hekk. Dan l-argument għandu jgħodd ukoll fil-konfront tad-Direttur intimat li mill-provi jirriżulta ppruvat li ma kienx hu li ta' struzzjonijiet sabiex isiru x-xogħolijiet in kwistjoni. Huwa evidenti għalhekk illi ġa la darba la l-Ministru intimat u lanqas id-Direttur intimat ma kienu nvoluti fit-twettieq tax-xogħolijiet ma jistgħux huma jwieġbu għal għemil jew nuqqas min-naħa tagħhom. Kwindi għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

---

[1] Ara: **Carmelo Grech et v. Awtorita` tad-Djar**, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Frar 2016;

[2] Ara: **Karmenu Mifsud vs Onorevoli Ministru Ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni et**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Jannar 2020; **Jimmy Magro et vs Il-Prim Ministru ta' Malta et** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Ottubru 2020

Konsegwentement il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eċċezzjonijiet minnhom rispettivament sollevati.

## Il-Mertu

Kif diġà ingħad, din hija kawża msejjsa fuq l-Artikolu 469A u tittratta l-istħarriġ t'għemil ġudizzjarju ossia d-deċiżjoni tal-Aġenzija kkonċernata li testendi dik il-parti tas-*centre strip* li tinsab direttament quddiem il-garaxx proprjetà tar-rikorrenti.

Ai termini tal-Artikolu 469A (2) tal-Kap. 12:

> *"egħmil amministrattiv" tfisser il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant,deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna lijsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità:*

Fil-każ tal-lum ir-rikorrenti qed tibbaża t-talbiet tagħha fuq ksur tal-Artikolu 469A(1)(b)(ii). Il-parti tad-dispożizzjoni li hija rilevanti għall-każ tal-lum taqra hekk:

> *469A. (1) Ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi, il-qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biexjistħarrġu l-validità ta' xi egħmil amministrattiv jew li jiddikjarawdak l-egħmil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet li ġejjin biss:*
>
> …
>
> *(b) meta l-egħmil amministrattiv ikun ultra vires għal xi raġuni minn dawn li ġejjin:*
>
> …
>
> *(ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil*

*amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil;*

Fil-kors tal-kawża kollha r-rikorrenti dejjem insistew illi l-Aġenzija ntimata ħadet ċertu deċiżjonijiet u cioè dawk dwar fejn kellhom isiru *bollards* temporanji flok *centre strip* fissa unikament sabiex taġevola lil terzi persuni li jirrisjedu fl-istess triq. Huwa evidenti li permezz ta' dawn il-proċeduri r-rikorrenti mhumiex jattakkaw id-deċiżjoni tal-Aġenzija ntimata li testendi s-*centre strip* jew li tagħlaq partijiet minnha sabiex tissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tal-utenti tat-triq. Il-pern tal-ilment tar-rikorrenti huwa unikament in kwantu si tratta dwar id-deċiżjoni tal-Aġenzija ntimata fir-rigward l-parti tas-*centre strip* li tolqot lilhom direttament.

Fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri l-Qorti tqis bħala kruċjali x-xhieda tal-Perit David Vassallo li xehed u spjega hekk:

> "*Triq it-Tempesta ġiet ippjanata mill-Awtorita' tal-Ippjanar b'service road kull naħa, liema service roads fihom id-dħul u l-ħruġ tagħhom. Fit-tlett ċirkostanzi l-Awtorita' kienet tat permessi għall-użu kummerċjali f'garaxxijiet fil-binjiet fuq is-service road. Allura ridna nsibu bilanċ bejn id-disinn tat-triq, safety, organizazzjoni ecc. u d-drittijiet li diġa kellhom ċertu persuni. Per eżempju kien hemm min diġa kellu permess biex joħroġ xarabank jew vettura kummerċjali oħra. Aħna allura sibna mod kif b'obbligu ta' safety min naħa tiegħu, seta' jintuża l-permess li kien ingħata lilu. Il-garaxx tas-sinjuri Ciappara bħal ta' persuni oħra huma garages for private cars. Allura kif iddisinjata s-service road huwa biżżejjed biex jikkejterjaw għall-private cars*."
> (a fol. 86)

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha r-rikorrenti tagħmel referenza u tiċċita diversi brani mix-xhieda tal-Perit Vassallo senjatament fejn dan jgħid illi d-deċiżjoni finali ttieħdet mis-CEO abbażi ta' dak sottomess għad-deċiżjoni tiegħu u tal-permessi li uħud kellhom rigwardanti garaxxijiet għal skopijiet kummerċjali.

Tiċċita wkoll bran fejn il-Perit Vassallo jikkonċedi li "*Il-fetħa viċin id-dar tas-Sinjuri Ciappara ċekkinniha, għalaqniha bil-bollards biex ikun hemm aċċess kif spjegajt għal garage li għandu l-permess kummerċjali*." (a fol. 102).

Ir-rikorrenti tibqa' tisħaq illi xi ġirien tagħha ġew aġevolati a skapitu tagħhom u saħansitra tinsisti li għad li dan it-terz għandu peremess sabiex fil-garaxx tiegħu idaħħal xarabank, tgħid illi llum il-ġurnata dawn it-tip ta' vetturi lanqas biss għadhom jintużaw.

Fl-ewwel lok, mill-provi jirriżulta suffiċjentement ippruvat illi s-sitwazzjoni m'hijiex preċiżament kif iddeskrivietha r-rikorrenti peress illi l-Perit David Vassallo esebixxa kopja tal-permess tat-terz indikat mir-rikorrenti liema permess jattesta li dan għandu permess ta' garaxx għal skopijiet kummerċjali. Huwa rrelevanti għall-fini tal-kawża odjerna jekk dan hux qiegħed juża l-garaxx biex idaħħal fih xarabank jew le. Lanqas ma huwa l-kompita tal-Aġenzija ntimata li tivverifika jekk il-garaxx huwiex qiegħed jintuża għal skopijiet kummerċjali. Il-punt jibqa' li dan it-terz seħħlu jipprova għas-sodisfazzjoni tal-Aġenzija intimata li għandu permess mill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex juża garaxx għal skopijiet kummerċjali. Dawn il-provi ġew esebiti in atti u l-Qorti hija sodisfatta mill-fatt li dan it-terz tassew għandu permess ta' garaxx għal skopijiet kummerċjali tant li kien anki ġie awtorizzat jagħmel il-fetħa tal-bieb tal-garaxx ta' qies akbar minn dak regolari. Għalhekk, il-punt tar-rikorrenti li dan it-terz għandu l-istess permess bħal ma għandha hi u li jista' juża biss il-garaxx għal skopijiet privati m'għandux mis-sewwa.

Ir-rikorrenti sserraħ l-ilment tagħha fuq fatturi oħra u cioè li ma saritx konsultazzjoni qabel tnieda l-proġett in kwistjoni. Jidher li huwa minnu li ma saritx konsultazzjoni, biss jidher ukoll li dan il-proġett kien xprunat minn inizjattiva tal-Kunsill Lokali li żgur illi jaf tajjeb xi bżonnijiet ikun hemm fir-raħal għall-fini li tiġi mħarsa s-saħħa u s-sigurtà tar-residenti u ta' dawk li għal raġuni jew oħra jmorru f'raħal partikolari. Għad illi konsultazzjoni ma saritx, jibqa' l-fatt illi l-Aġenzija ntimata m'għalqitx il-bieb tagħha għar-residenti tant li jirriżulta li tressqu diversi lmenti li l-Aġenzija eżaminat u finalment tat raġun lil min tassew kellu

bażi legali u fattwali għall-ilment tiegħu. Ir-rikorrenti stess tirrikonoxxi dan il-fatt u tgħid li marret saħansitra għand il-Ministru direttament sabiex titkellem dwar id-diffikultajiet tagħha. Għax ir-rikorrenti ma ngħatawx raġun ma jfissirx li l-Aġenzija intimata aġixxiet *ultra vires* il-poteri tagħha.

Ir-rikorrenti tisħaq ukoll illi l-kunsiderazzjonijiet magħmulha mill-Aġenzija ntimata *sia* dawk biex saret l-estensjoni tas-*centre strip* kif ukoll dawk li wassluha sabiex f'ċertu partijiet determinati tpoġġi *bollards* temporanji, huma msejsa fuq kunsiderazzjonijiet illegali u bla raġuni. Ir-raġunament tar-rikorrenti f'dan ir-rigward huwa fis-sens illi ilhom mis-sena 1989 jużaw il-garaxx biex fih idaħħlu vetturi, nġenji, trakkijiet u anki dgħajsa u f'daqqa waħda sabu ruħhom fl-impossibilità li jkomplu jagħmlu dan. Jgħidu għalhekk illi dan jikkostitwixxi kontroll tal-użu tal-proprjetà bi ksur tad-drittijiet tagħhom kif imħarsa ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

Sa fejn l-ilment tar-rikorrenti huwa dwar vjolazzjoni tad-drittijiet tagħhom ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, din il-Qorti kif adita m'għandiex il-kompetenza sabiex tistħarreġ tali lmenti. Ilmenti ta' natura kostituzzjonali jistgħu jiġu mistħarrġa biss minn din il-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha. Għalhekk, la darba l-kawża tressqet quddiem din il-Qorti fil-kompetenza oriġinali tagħha, il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni ta' lmenti li jaqgħu lil hinn mill-parametri ta' kompetenza tagħha.

Biss, l-ilment tar-rikorrenti għandu wkoll natura ċivili li allura jinkwadra perfettament fil-kompetenza ta' din il-Qorti kif adita. Il-pern ta' l-ilment mill-aspett ċivili huwa fis-sens jekk l-Aġenzija intimata, bid-deċiżjoni tagħha, ikkawżatx kontroll fuq l-użu tal-proprjetà tar-rikorrenti billi dawn ma jistgħux ikomplu jużaw il-garaxx proprjetà tagħhom bil-mod u manjiera kif ilhom jagħmlu sa mis-sena 1989.

F'dan il-kuntest il-Qorti sejra tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet il-Perit Austin Attard Montalto et vs Awtorità tal-Artijiet et, deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fl-10 t'Ottubru 2019 fejn il-Qorti għamlet is-segwenti

osservazzjonijiet li għandhom rilevanza anki għall-każ in diżamina. Ingħad hekk:

> *"Illi għal dak li jirrigwarda l-**mertu tal-azzjoni attriċi**, jingħad li t-talbiet attriċi huma ta' stħarriġ ġudizzjarju, dan biex il-Qorti ssib (a) li l-esproprjazzjoni li nħarġet mill-Kummissarju ta' l-Artijiet skond l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ma saritx għall-skopijiet ta' utilità pubblika iżda saret sabiex taġevola interessi privati, u dan bi ksur ta' l-artikolu 469A(1)(b)(ii) u/jew l-artikolu 469A(1)(b)(iii) tal-Kap. 12; (b) issib li l-istess esproprjazzjoni ma tiswiex u hi bla ebda effett billi l-att amministrattiv sar ultra vires; u (ċ) tħassar it-teħid tal-art u terġa' tpoġġi lill-atturi fil-pussess ta' l-art tagħhom li ttieħdet bl-esproprju msemmi;*
>
> *Illi jrid jingħad mill-bidunett, li għal dak li jirrigwarda l-indħil fl-użu tal-ġid min-naħa tal-Istat, jidher li dan l-indħil jista' jieħu s-sura ta' kull għamla ta' kontroll (bla ma jċaħħad lis-sid mit-titolu), sakemm dan isir billi jitħares il-bilanċ bejn il-ħtieġa jew interess pubbliku jew ġenerali u l-jeddijiet tas-sid fuq dak il-ġid;*
>
> *Illi filwaqt li huwa d-dmir tal-Istat li juri li t-teħid jew l-indħil seħħ tassew fl-interess pubbliku jew ġenerali[3], hemm qbil li, fejn jidħol dak li jitqies bħala "interess pubbliku", l-Istat igawdi firxa wiesgħa ta' diskrezzjoni[4]. Iżda l-mod kif titwettaq dik id-diskrezzjoni jrid jgħaddi mill-għarbiel tal-bilanċ mistenni bejn l-interessi tas-soċjetà u dawk tal-individwu mġarrab bit-twettiq tagħha, u dan kemm jekk l-għemil ikun ta' teħid ta' proprjetà u kif ukoll jekk ikun "sempliċement" dwar indħil fl-użu tagħha[5];*

---

3 Kost. **24.5.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Vella et vs Il-Kummissarju tal-Artijiet***
4 Q.E.D.B. **23.11.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***The Former King of Greece et vs Greċja*** (Applik. Nru. 25701/94) § 87
5 Kost. **2.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Allied Newspapers Ltd vs Avukat Ġenerali e***t (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.514**)

*Illi, fis-sottomissjonijiet tagħhom[6], l-atturi jisħqu li l-interess li kien qed jitħares bl-esproprju kien dak tal-privat, li jiġu aġevolati terzi mingħajr ma tqiesu l-interess tal-atturi. Jgħidu għaldaqstant li f'dan l-esproprju hemm nieqes l-element ta' proporzjonalità u tal-interess pubbliku meħtieġ;*

*Illi fiż-żmien rilevanti għall-istħarriġ li jrid isir fuq il-fatti ta' din il-kawża, il-liġi kienet titlob li t-teħid ta' art b'titolu ta' xiri assolut ried ikun għal skop pubbliku[7];*

*Illi bil-kliem "skop pubbliku" l-liġi tifhem kull għan li jkollu x'jaqsam ma' l-użu esklussiv tal-Gvern jew mal-użu pubbliku ġenerali jew li għandu x'jaqsam ma' jew jiswa għall-interess jew qadi tal-pubbliku (sew jekk l-art tkun għall-użu tal-Gvern sew jekk le). Illum il-ġurnata huwa aċċettat li ttifsira ta' "skop pubbliku" li wieħed kien isib fl-artikolu 2 tal-Kapitolu 88 trid tinftiehem fid-dawl ta' osservazzjonijiet magħmulin f'xi sentenzi mogħtija mill-qrati tagħna fl-aħħar snin. B'dan il-mod, għalhekk, joħroġ li l-kejl tal-għan pubbliku huwa dak tal-interess ġenerali tal-kollettività b'kuntrast mal-interess tal-individwi. Dan ifisser, li l-fatt waħdu li ġid jittieħed mingħand persuna waħda biex jingħata lil persuna oħra ma jġibx b'daqshekk in-nuqqas ta' interess pubbliku[8], jekk tassew ikun jirriżulta li dak it-teħid ikun seħħ għal għan pubbliku[9]. Ifisser ukoll li l-fatt waħdu li fond jittieħed biex jintuża għal skop kummerċjali ma jġibx b'daqshekk li l-għan maħsub mhuwiex wieħed*

6 Ara Nota ta' Sottomissjonjiet tal-atturi f'paġ. 223 tal-proċess

7 Art. 5(a) tal-Kap 88 (għalkemm dik il-liġi tħassret bl-art. 84 tal-Att XVII tal-2017 – Kap 573 – l-artikolu 82 jgħid li azzjonijiet li nbdew taħt l-imsemmija liġi qabel id-dħul fis-seħħ tal-liġi l-ġdida għandhom jibqgħu regolati bil-liġi kif kienet fis-seħħ qabel)

8 Kost. **30.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Abdilla vs Onor. Segretarju Parlamentari għall-Ambjent u l-Artijiet et*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.132**); ara wkoll Q.E.D.B. **22.11.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Frendo Randon et vs Malta*** (Applik. Nru. 2226/10) § 60

9 P.A. Kost. **25.7.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Borġ et vs Onor. Prim Ministru et*** (mhix pubblikata, imma konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-**15.10.2008**)

*pubbliku jew li mhuwiex fl-interess pubbliku*[10]*. Ingħad ukoll li jekk jintwera l-interess pubbliku, il-fatt li art tittieħed biex isir minnha użu kummerċjali mill-privat ma jnaqqasx b'daqshekk biss l-element ta' ħtieġa pubblika jew interess pubbliku*[11]*;*

Applikat dan l-insenjament għall-każ tal-lum, il-Qorti ssib illi l-indħil li sar mill-Aġenzija intimata kien tassew wieħed radikat fl-interess pubbliku. L-Aġenzija intimata riedet issib disinn ta' triq li jinkludi fih bilanċ bejn l-organizzazzjoni tat-traffiku u l-ipparkjar tal-vetturi u s-saħħa u s-sigurtà ta' dawk kollha li jużaw it-triq *sia* bir-riġel kif ukoll b'xi vettura. Kien għalhekk illi hija rat liema aperturi fis-*centre strip* kienu meħtieġa li jingħalqu sabiex tevita li kull utent joħroġ minn fejn jidhirlu hu jew aktar minn fejn l-aktar ikun komdu għalih a skapitu tas-saħħu s-sigurtà ta' persuni oħra li jkunu qegħdin jużaw it-triq. Tqis ukoll illi fl-eżerċizzju ntrapriż minnha, l-Aġenzija għarfet toħloq dak il-bilanċ neċessarju sabiex tħares minn banda l-interess ġenerali u mill-band l-oħra d-drittijiet tas-sidien f'dik it-triq. Tant dan huwa minnu li mill-atti jirriżulta li fejn ċertu sidien resqu 'l quddiem u urew għas-sodisfazzjoni tal-Aġenzija kkonċernata illi kellhom permess sabiex jużaw il-proprjetà tagħhom għal skopijiet kummerċjali, l-Aġenzija ntimata ħadet pass lura mid-deċiżjoni tagħha u sabet modalità oħra ta' kif tiġġestixxi t-triq waqt li tibqa' tissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà taċ-ċittadini. Fil-fatt, fejn ġew installati *bollards* temporanji, l-Aġenzija qieset neċessarju li tgħabbi lir-residenti kkonċernati bir-responsabbilità tal-*bollards* u tat lilhom iċ-ċwievet biex jassiguraw li meta ma jkunux qegħdin jinqdew b'dik il-fetħa fis-*centre strip* isakkru l-*bollards* biex it-triq tibqa sigura.

In kwantu d-drittijiet li r-rikorrenti tgħid illi ġew lilha kalpestati, il-Qorti tqis dan l-ilment bħala infondat. L-Aġenzija ppruvat għas-sodisfazzjon tal-Qorti li imxiet differenti unikament ma min wera li kellu garaxx kopert b'permess debitament maħruġ mill-awtoritajiet ikkonċernati, sabiex juża dak il-garaxx għal skopijiet

---

10 Kost. **27.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella pro et noe vs Il-Kummissarju tal-Artijiet et*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.57**)

11 Kost. **8.1.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Agnes Gera de Petri Testaferrata Boniċi Għaxaq vs L-Avukat Ġenerali***

kummerċjali. Ir-rikorrenti stess ikkonċediet illi huma għandhom biss permess għal garaxx għal użu privat. Dan jirriżulta wkoll ippruvat mid-dokumenti in atti. La darba r-rikorrenti m'għandhomx permess għal-użu kummerċjali ma jistgħux allura jippretendu li jiġu trattati b'mod divers minn residenti oħra li għandhom l-istess permess bħalhom. L-argument tar-rikorrenti kien ireġi biss li kieku seħħilhom juru li hemm residenti oħra, koperti b'permess identiku għal tagħhom li ġew aġevolati. Dan però ma jirriżultax u allura r-rikorrenti ma tistax targumenta jew tilmenta minn xi diskriminazzjoni jew addirittura li l-Aġenzija intimata aġixxiet *ultra vires* il-poteri tagħha.

Lanqas ma jreġi l-argument tar-rikorrenti li għax ilhom jużaw il-garaxx b'ċertu mod u għal ċertu skopijiet sa mis-sena 1989 allura issa t-tibdil fid-disinn tat-triq qiegħed ixekkilhom fit-tgawdija sħiħa tal-ġid tagħhom. La darba r-rikorrenti qatt ma kienu koperti bil-permess sabiex jużaw il-garaxx għal skopijiet kummerċjali. Li kieku l-Qorti kellha taċċetta l-argument tar-rikorrenti, tkun hija stess qed tagħti l-barka tagħha sabiex titkompla l-illegalità.

Fid-dawl ta dawn il-kunsiderazzjonijiet ta' fatt u ta' dritt il-Qorti ssib illi d-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata li qegħda tiġi attakkata llum mhijiex *ultra vires* il-poteri tal-istess Aġenzija.

Għalhekk u għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni sollevati mill-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali u waqt illi tiddikjara illi mhuwiex leġittimu kuntadittur għat-talbiet tar-rikorrenti, tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju. In vista ta' dan tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eċċezzjonijiet minnu sollevati.

2. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni sollevata mid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment għax-Xogħol u Infrastruttura u waqt illi tiddikjara illi mhuwiex leġittimu kuntadittur għat-talbiet tar-rikorrenti, tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju. In

vista ta' dan tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eċċezzjonijiet minnu sollevati.

3. Tilqa' l-eċċezzjonijiet sollevati mill-Aġenzija għal Infrastruttura Malta.

4. Tiċħad it-talbiet sollevati mir-rikorrenti.

5. Tordna illi l-ispejjeż ta' din il-kawża jitħallsu mir-rikorrenti.

IMHALLEF

DEP/REG